zopardi, u taw nifs u ħajja u sedqa u sliem lill-opri tiegħu, u mħabba f'hekk ismu ma jmut qatt. Il-kobor ta' Ġużè Muscat Azzopardi mhux imnissel minn ġrajja li qanqlu nazzjonijiet, anqas ma hu mnissel minn għamil kiefer u ta' ħruxija li ħalla rifsa fil-ġrajja tas-snin, imma l-kobor ta' dan il-bniedem ġej mit-tixjira ta' ħlewwa, ta' għerf u ta' sedqa li taw sura speċjali lix-xogħol tiegħu kollu, imma l-aktar lill-ħidma letterarja. Dan il-kobor hu ta' fejda u fih ġmiel u ħena, u jissieħeb bil-ħaqq u s-sewwa mal-kburija ta' nies li isimhom hu minqux fl-istorja.

Isem Ġużè Muscat Azzopardi ma jintesiex għax ix-xogħol tiegħu ma jintemm qatt, hu bena fuq sisien tajba u għall-futur; l-opri tiegħu huma mseddqin bil-ħajja tad-dewmien, u dan jagħżilhom minn opri oħrajn li ma kisbux isem għall-awtur tagħhom. L-opri ta' Ġużè Muscat Azzopardi fihom dak is-seħer li jirrendihom perenni u mhux l-opri tal-kitba biss fihom dan: niebdu l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li hi sintesi tal-ħidmiet, tax-xewqat u tal-fehmiet tiegħu. Ġużè Muscat Azzopardi kien wieħed mill-ewlenin li waqqfu din l-Għaqda u għal bosta snin kien President tagħha, u nissel fiha ħeġġa u ħrara u nefaħ fiha n-nifs tal-ħajja. Kien hawn bosta għaqdiet u xirkiet imwaqqfin bl-istess skop tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", iżda fil-waqt li l-oħrajn mietu f'qasir il-għomor, il-"Għaqda" mħawla mid-dehen ta' Muscat Azzopardi u msoqqija mill-ħrara ta' qalbu, rabbiet l-egħruq, kibret u mxiet 'il quddiem, kienet magħrufa mill-Gvern ta' pajjiżna u akkwistat setgħa u ġieħ b'riżq l-ilsien tagħna u l-letteratura Maltija.

Il-bniedem kbir iħalli opri kbar u ismu jibqa' marbut ma' ħidmietu fil-milja tas-snin. F'din is-sena, għeluq is-seklu minn twelidu, isem Ġużè Muscat Azzopardi hu miżmum fil-ġieħ u fil-qima min-nazzjon tagħna, iżda jiena għandi fehma li dan il-ġieħ u din il-qima aktar joktru u jiżdiedu meta ta' warajna jaslu biex jikkommemoraw għeluq il-mitt sena minn mewtu. Għax bħall-opri kollha artistiċi, ix-xogħlijiet ta' Ġużè Muscat Azzopardi aktar jiswew aktar ma jgħaddi ż-żmien. Imma barra l-opri tiegħu, tibqa' l-figura tiegħu, figura ta' bniedem kbir, sinċier, ħanin, għaref u onest, bniedem benemeritu ta' pajjiżu, u sakemm f'din l-art tagħna jibqgħu nies galantomi, nies li jħobbu 'l pajjiżhom, nies li jagħirfu s-sabiħ, il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi jibqa' mbierek, imweġġah u meqjum.



## LIL GALILEO GALILEI

*Ta'* Karmenu Mallia, S.J.

Fiż-żifna tal-kwiekeb
Ġol-ħġieġ li sawwart,
Imbissem għall-kobor
Li wara ħabbart,
Fil-ġirja mal-medda
Tas-sema bla qies,
Imgħaġġeb b'dil-ġnejna
Li qatgħet kull jies
Lil min rieħ jaħdimha
Bla mgħażqa u bla fies,

Ħabbejthom, ħabbejthom,
Ħabbejthom bis-sħiħ
'L uliedek hekk ħelwa,
'L uliedek hekk sbieħ.
Nistħajlek li rajthom
Xi darba flimkien
Jifirħu għax twieldet
Oħt oħra; u biż-żmien
Ta' kewkba oħra xiħa
Rajt difna, ħosbien.

X'qalulek, x'tarrfulek,
Kif kienu hemm ħdejk
Jiimaw bħall-kristalli
Maħfuna f'idejk?
X'għallmuk fuq il-qedem?
X'bassrulek f'li ġej?
Nistħajjel li saħħrek
Ilsienhom għannej,
Għaxxqitek il-ħlewwa
Ta' kliemhom mexxej.

Tħabbibt ma' l-iljieli
U shart fl-għaxijiet
Biex tkellem bla taqta'
Liċ-ċkejkna fis-skiet;
U kont issejħilhom
Biex jinbtu fil-ħin
Bħal fosfru li joħroġ
Mill-oqbra mdallmin
Ta' qalbek ferħana
B'daqqiet imgħaġġlin.

Fid-dwejjaq tal-ġlieda,
Fil-hemm tat-tjassir,
Kont ħarstek issammar,
Kien ħsiebek itir
Fid-dwal ta' ġos-sema
Li serrħu 'l għajnejk
U ħaffu mit-toqol
Li neżża' 'l ħaddejk,
Kont tara f'surithom
Min ħalqek hemm ħdejk.